



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16457/23
PV CONS 65
AGRI 800
PECHE 574

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
10 u 11 ta' Diċembru 2023

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16274/1/23 REV 1.

SAJD

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 2. Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024, l-2025 u l-2026 fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana** ☐(*) 16444/23
16305/2/23 REV 2
16311/23
+ ADD 1-2
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward tal-istokkijiet tal-baħar fond.

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

- 3. Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024** ☐(*) 16442/23
16305/2/23 REV 2
15715/23
+ ADD 1 REV 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed.

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Affarijiet oħra

4. a) **Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u Appoġġ - Kumpens f'Każ ta' Avvenimenti Eċċezzjonali**  16421/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Ċiprijotta, Franċiża, Griega, Maltija, Portugiża, Taljana u dik Ungeriża
- b) **L-Inizjattiva tal-Baċir tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir (GNSBI)**  16422/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, f'isem id-delegazzjoni Franċiża u dik Netherlandiża
- c) **Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- **Direttiva dwar id-Diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva**
 - **Regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni:**
- Xogħol furzat fuq il-bastimenti tas-sajd, fl-akkwakultura u fl-industrija tal-ipproċessar tal-ħut Ċiniżi** 16423/23 + COR 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u appoġġ – kumpens f'każ ta' avvenimenti eċċezzjonali, tal-informazzjoni minn Franza u n-Netherlands dwar l-Inizjattiva tal-Baċir tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir, kif ukoll tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands dwar ix-Xogħol furzat fuq il-bastimenti tas-sajd, l-akkwakultura u l-industrija tal-ipproċessar tal-ħut Ċiniżi.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

5. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġislattiva

16322/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

AGRIKOLTURA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 6. Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom**
Approċċ ġenerali



16443/23

Il-Kunsill iddiskuta t-test tal-Approċċ Ġenerali kif propost mill-Presidenza. Il-Presidenza, filwaqt li nnotat in-nuqqas ta' appoġġ suffiċjenti f'dak l-istadju, fakkret fl-importanza tal-fajl u infurmat lid-delegazzjonijiet dwar l-intenzjoni tagħha li tkompli taħdem bil-ħsieb li tiġbor appoġġ suffiċjenti dwar it-test malajr kemm jista' jkun.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Greċja u l-Awstrija għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

- 7. Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti**
Rapport ta' progress



16040/23
+ COR 1 (pl)

- 8. Regolamenti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti**
Rapport ta' progress



16142/23 + COR 1

Il-Kunsill ħa nota tar-rapporti ta' progress fir-Regolamenti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u ta' materjal riproduttiv tal-foresti. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-osservazzjonijiet li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

9. **Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**
Rapport ta' progress

 16044/23

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-osservazzjonijiet li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

10. **Evalwazzjoni tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**
Informazzjoni mill-Presidenza
Skambju ta' fehmiet

 15989/23 + COR 1

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar ir-rendikont tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Il-Kunsill imbagħad kellu skambju ta' fehmiet biex tiġi evalwata l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri taħt il-politika agrikola komuni.

Il-Kunsill ħa nota tat-talba mill-Italja u Franza dwar id-diffikultajiet għas-settur tal-inbid li jirriżultaw mill-interpretazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi dwar it-tikkettar tal-inbid.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja, bl-appoġġ tal-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija, dwar il-konverġenza esterna.

11. **Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna**
Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri
Skambju ta' fehmiet

16388/23

SAJD

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

2. **(tkompli) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024, l-2025 u l-2026 fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku
Ara l-paġna 2.

(*) 16444/23
16305/2/23 REV 2
16311/23
+ ADD 1-2

3. **(tkompliġja) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024** ☐(*) 16442/23
16305/2/23 REV 2
15715/23
+ ADD 1 REV 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku
Ara l-paġna 2.

Affarijiet oħra

Agrikoltura

12. a) **Pakkett dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali** 16509/23
- i) **Proposti leġiżlattivi attwali** ☐☐
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- (a) **Regolament tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport** 16405/23 + ADD 1
- (b) **Regolament dwar it-trattament xieraq tal-klieb u l-qtates** 16406/23 + ADD 1
- ii) **Komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) "Fur Free Europe" (Ewropa Ħielsa mill-Fer tal-Annimali)** ☐2 16599/23

Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-pakkett dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti magħmula mid-delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

- b) **Deroga mill-KAAT 7 u l-KAAT 8 fl-2024** 16387/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Rumena, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Latvjana, Pollakka, Slovakka, Taljana u dik Ungeriża
- c) **It-tħejjija tal-agrikoltura Ewropea għall-adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE** 16386/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

- d) **Il-futur tal-ikel u l-agrikoltura – konverġenza esterna**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovakkja, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Estonjana, Latvjana, Litwana, Pollakka u dik Rumena

 16372/23

Il-punt 12(d) ġie indirizzat flimkien mal-punt 10.

- e) **Proposti leġislattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kolazzjon – prodotti agrikoli – sitwazzjoni attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

  16389/23
15106/2/23 REV 2

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali fid-diskussjonijiet dwar id-Direttiva li temenda d-Direttivi tal-Kunsill li jirrigwardaw l-għasel, il-meraq tal-frott, il-ġammijiet u l-ħalib disidratat. Il-Kunsill ħa nota tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

-
-  L-ewwel qari
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" jinsabu fid-dokument 16274/1/23 REV 1

Dwar il-punt "B" **Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024, l-2025 u l-2026 fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana**
nru 2: (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
 Qbil politiku

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li fil-11 ta' Jannar 2024, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ser toħroġ sentenza fil-kawża C-330/22, *Friends of the Irish Environment*. Sa fejn dik is-sentenza ser ikun fiha elementi ta' interpretazzjoni tal-qafas legali rilevanti għall-eżerċizzju annwali tal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd, il-Kunsill ser janalizza l-impatt ta' dik is-sentenza u, jekk ikun meħtieġ, jieħu l-miżuri xierqa."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, IL-LITWANJA, L-ESTONJA, SPANJA, IL-PORTUGALL U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku COD/03AS; RNG/03-; BLI/12INT-; BLI/24-; BLI/03A; COD/07A; COD/7XAD34; HER/7G-K; JAX/2A-14; JAX/08C; POL/56-14; POL/07; SBR/678; SOL/07A u WHG/07A fl-2024.

"Peress li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/03AS; RNG/03-; BLI/12INT-; BLI/24-; BLI/03A; COD/07A; COD/7XAD34; HER/7G-K; JAX/2A-14; JAX/08C; POL/56-14; POL/07; SBR/678; SOL/07A u WHG/07A hija inqas mill-Blim u peress li fl-2024 ser ikunu permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Litwanja, l-Estonja, Spanja, il-Portugall u l-Iżvezja jintrabtu li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, IN-NETHERLANDS U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament PKS għal COD/2A3AX4 u COD/03AN fl-2024

"Fit-8 ta' Diċembru 2023, l-UE, ir-Renju Unit u n-Norveġja qablu dwar l-opportunitajiet tas-sajd għas-sitt stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt għall-2024. Minħabba li l-bijomassa tat-TACs ta' COD/2A3AX4 u COD/03A hija stmata li hija taħt il-Bpa kemm fis-sena tat-TAC kif ukoll fis-sena ta' wara, il-Partijiet eskcludew, skont dak il-ftehim, il-flessibbiltà interannwali għal dawk l-istokkijiet fl-2024. F'konformità ma' dak il-ftehim, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja jintrabtu li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet fl-2024."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IN-NETHERLANDS U L-ĠERMANJA dwar il-Preferenzi ta' The Hague

"Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u Franza huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri kien intlaħaq qbil dwarhom fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi ta' The Hague jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS dwar l-impatt soċjoekonomiku

"Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sajd sostenibbli fl-UE: Is-Sitwazzjoni Attwali 2024 (SWD (2023) 172), wara l-impenji mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex jimmaniġġaw is-sajd b'mod responsabbli, is-sajd sar aktar sostenibbli u issa hemm ħafna inqas stokkijiet mistada żżejjed fl-UE. Minkejja dan, is-sajjieda qed iħabbtu wiċċhom ma' xejra ta' tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd. Fin-Netherlands, speċjalment it-TAC għal-lingwata tal-Baħar tat-Tramuntana ser twassal għall-għeluq bikri ta' dan is-sajd fl-2024. Fit-tehd tad-deċiżjonijiet tagħna għandu jintlaħaq bilanċ adegwat bejn il-pilastri tas-sostenibbiltà ekoloġika, soċjali u ekonomika tal-Politika Komuni tas-Sajd. Huwa biss b'dan il-mod li tista' tiġi pprovduta perspettiva fit-tul kemm għas-sigurtà tal-ikel kif ukoll għas-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-sajjieda u tal-komunitajiet tagħhom. Speċjalment fiż-żminijiet attwali fejn qed jiffaċċaw diffikultajiet bħall-effetti fit-tul tal-Covid, il-Brexit u l-użu multiplu tal-ispazju u r-restrizzjoni tal-ispazju li s-sajjieda qed iħabbtu wiċċhom magħha. Nappellaw kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri biex ikomplu d-diskussjonijiet u jesploraw aktar il-possibbiltajiet biex jerġa' jinkiseb il-bilanċ. Għandna r-responsabbiltà konġunta li nindirizzaw dan is-sena d-dieħla."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar il-lingwata fi Skagerrak u Kattegat

"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qabdiet totali permissibbli (TAC) għal-lingwata (*Solea solea*) fi Skagerrak u Kattegat fil-livell aktar baxx tal-MSY.

Il-Kummissjoni jiddispaċiha dwar il-ftehim politiku milħuq mill-Kunsill għat-TAC għal-lingwata fi Skagerrak u Kattegat biex dik it-TAC tiġi stabbilita flivell ogħla. TAC aktar baxxa kienet tippermetti rkupru aktar rapidu tal-istokk. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni pproponiet li temenda l-pjanijiet pluriennali tal-Baltiku, tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Ilmijiet tal-Punent u dik il-proposta issa ser tiġi eżaminata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI U MILL-PORTUGALL dwar informazzjoni xjentifika dwar il-lingwata komuni fis-subżoni 8cde, 9 u 10

"Bħalissa, fid-diviżjonijiet 8c, 8d, 8e, 9 u 10 tal-ICES, tliet speċijiet tal-lingwata huma ġestiti taħt TAC kombinata u l-ICES jipprovdi biss parir dwar l-MSY għal-lingwata komuni (*Solea solea*) fid-diviżjonijiet 8c u 9a u għaż-żewġ speċijiet l-oħra ma jipprovdi l-ebda parir. F'Novembru 2023, il-Portugall informa lill-Kummissjoni li hemm disponibbli data xjentifika aktar kompluta għaż-żewġ speċijiet l-oħra tal-lingwata (*Solea senegalensis* u *Pegusa lascaris*) fis-subżona 9 tal-ICES u li dik id-data tista' tippermetti wkoll valutazzjonijiet tal-istokkijiet għal *Solea senegalensis* u *Pegusa lascaris*.

Il-Portugall jintrabat li jipprovdi lill-ICES b'tali data xjentifika ġdida sal-31 ta' Marzu 2024, u l-Kummissjoni ser titlob lill-ICES jipproduċi pariri għall-istokkijiet rilevanti kollha tal-lingwata f'dik iż-żona."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar il-pollakkju fil-Bajja ta' Biscay u fl-ilmijiet Iberiċi

"L-Artikolu 5(3) tal-pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent jipprevedi l-ġestjoni tas-sajd imħallat fir-rigward tal-istokkijiet tal-qabdiet aċċessorji filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha bl-MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn dan iwassal għall-għeluq prematur tas-sajd. Diffikultà bħal din għandha tintwera u tiġi sostnuta minn data soċjoekonomika speċifika, affidabbli u verifikabbli. Fejn isseħħ id-diffikultà biex jinqabdu l-istokkijiet kollha fl-MSY, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jippreżentaw data soċjoekonomika minn sorsi verifikabbli, b'mod partikolari miksuba permezz ta' sejħiet għad-data skont il-Qafas tal-UE għall-Ġbir tad-Data.

Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sottomissjoni magħmula minn Franza li tiddikjara li t-TACs stabbiliti mill-Kunsill għall-istokk tal-pollakkju fil-Bajja ta' Biscay u fl-ilmijiet Iberiċi għandhom jirriżultaw fl-għeluq prematur tas-sajd imħallat, li jwassal għal konsegwenzi soċjoekonomiċi potenzjalment serji. Jekk u meta Franza tippreżenta data soċjoekonomika speċifika, affidabbli u verifikabbli biex tissostanzja l-effett ta' kwoti limitanti għas-segmenti tal-flotta tagħha fil-Bajja ta' Biscay, il-Kummissjoni ser tivvaluta u tikkunsidra, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena biex taġġusta POL/8ABDE, kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istess approċċ għal Spanja u għall-Portugall jekk dawn jipprovdu data soċjoekonomika speċifika, affidabbli u verifikabbli rigward it-TACs rilevanti tagħhom."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUNSILL U MILL-KUMMISSJONI dwar l-istokkijiet tal-ICCAT

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li, skont diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal tal-kwota mhux użata tagħha tal-istokkijiet tal-ICCAT fil-perjodu ta' sentejn.

Abbażi u fil-limiti tal-istrumenti legali disponibbli, il-Kummissjoni ser tagħmel l-almu kollu tagħha biex tieħu l-passi meħtieġa malajr kemm jista' jkun fl-2024 biex timplimenta l-kwoti ta' aġġustament tal-Istati Membri individwali biex jirriflettew kwalunkwe riport u tnaqqis għall-istokkijiet kollha eliġibbli tal-ICCAT."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA, SPANJA, FRANZA, IL-POLONJA U L-PORTUGALL dwar il-bakkaljaw ta' Svalbard

"Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall jiddispijaċihom li n-Norveġja ma tosservax il-qbil politiku bejn l-UE u n-Norveġja ta' April 2022, billi ma tistabilixxi kwota għall-UE għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard li tikkorrispondi għad-drittijiet storiċi tal-UE u s-sehem tal-UE għal dan l-istokk. L-Istati Membri msemija hawn fuq ifakkru fid-drittijiet storiċi tas-sajd tagħhom li ilhom jeżistu għal żmien twil fiż-żona ta' Svalbard, kif koperti mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920. Huma jħeġġu lin-Norveġja biex tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet u l-interess tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fi Svalbard, inkluż id-drittijiet tas-sajd u biex tistabilixxi l-kwota sħiħa tal-UE għall-2024 fl-ilmijiet ta' Svalbard. Huma jfakkru wkoll li fl-2021, minħabba l-waqfiet tas-sajd maħruġa min-Norveġja, total ta' 5 143 tunnellata tal-kwota tal-UE għall-bakkaljaw ma setax isir sajda għalih fiż-Żona Ekonomika Esklużiva Norveġiża. L-Istati Membri jesprimu d-diżappunt tagħhom li n-Norveġja għadha ma għamlitx dik il-kwantità disponibbli għall-UE fl-iskambji bilaterali. Din il-kwistjoni jeħtieġ tiġi solvuta malajr kemm jista' jkun.

Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall japprezzaw li l-Kummissjoni tinsab lesta tkompli l-konsultazzjonijiet man-Norveġja dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq."

DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni ta' MAC/2A34-N

"Fil-kuntest tal-ħolqien ta' TAC ġdida (MAC/2A34-N), il-Kunsill jagħraf it-trasferimenti ta' parti mill-opportunitajiet tas-sajd allokat mid-Danimarka għal MAC/2A34-N lid-detenturi tal-kwoti fit-TAC tal-Ilmijiet tal-Punent (MAC/2ACX14-), abbażi tal-koeffiċjent ta' stabbiltà relattiva eżistenti għal dik it-TAC, li jirrappreżenta 27.5 % ta' dik il-kwota fl-2025 u 25 % mill-2026 'il quddiem."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA dwar l-allokazzjoni interna tal-kavalli

"Id-Danimarka tiflew sehem sinifikanti mill-kwoti tal-kavalli tagħha minħabba l-allokazzjoni interna l-ġdida tal-kavalli fir-rigward ta' MAC/2A4A-N. Id-Danimarka jiddispijaċiha għall-konsegwenzi severi ta' dan.

Id-Danimarka tfakkar fil-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli mill-introduzzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd li tiżgura lid-Danimarka minimu ta' 25 000 tunnellata ta' kavalli.

Għalhekk, jekk l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavalli jiġu inklużi fi ftehim futur ma' pajjiżi terzi, dan għandu jitqies meta jiġu allokatidawn l-opportunitajiet tas-sajd."

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippovdi l-appoġġ meħtieġ, fil-limiti tal-mandat tagħha, fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd li jalloka kwota MAC/2A34-N ġdida u jittrasferixxi parti lill-Ilmijiet tal-Punent. F'każ li l-implimentazzjoni tat-TAC il-ġdida toħloq sfidi ta' interpretazzjoni jew rappurtar lill-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jimpenjaw ruħhom bil-ħsieb li jindirizzaw dawk l-isfidi."

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA dwar is-sawrell (JAX/2A-14).

"Franza tinnota li l-parir tal-ICES li ġie riċevut huwa għal stokk/speċi waħda, (*Trachurus trachurus*) u dan jifforma l-bażi tat-TAC (JAX/2A-14). It-TAC tkopri t-*Trachurus spp*, li minnhom hemm tliet speċijiet fl-ilmijiet tal-Punent li kollha jinqabdu flimkien mal-istokk ewlieni tas-sawrell (*Trachurus trachurus*). Il-qabdiet ta' *Trachurus mediterraneus* (sawrell tal-ħama) u *Trachurus picturatus* (sawrell ikħal) huma relattivament baxxi, u għas-sawrell ikħal, jinqabad prinċipalment aktar lejn in-Nofsinhar flimkien mal-istokk tas-sawrell tan-Nofsinhar. Franza tappoġġa l-pożizzjoni tal-ICES li tikkunsidra li t-TAC u kwalunkwe regolament ieħor ta' ġestjoni li jista' jiġi stabbilit għandhom ikunu relatati biss ma' *T. trachurus*, u għandhom jiġu stabbiliti TACs separati għall-ispeċijiet l-oħra."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS, FRANZA, L-ITALJA, ID-DANIMARKA U L-PORTUGALL

"Aħna ninnotaw bi tħassib xejra negattiva ta' tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd u żieda fil-qabdiet zero. Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi għas-sajjieda u l-komunitajiet tagħhom huma estensivi, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul. Din is-sitwazzjoni hija ta' tħassib kbir għalina. Nenfazzjaw il-ħtieġa għal approċċ aktar ibbilanċjat li jqis it-tliet objettivi ewlenin tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), jiġifieri s-sostenibbiltà ambjentali u l-preservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, is-sostenibbiltà soċjali tal-komunitajiet kostali, u l-promozzjoni tal-attivitajiet tas-sajd filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-aspetti soċjoekonomiċi. B'mod speċjali, il-ġbir tad-data u l-metodoloġija xjentifika attwali għandhom jiġu eżaminati sabiex tittejjeb il-kwalità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-iffissar tat-TACs. Huwa biss jekk nipprovdur perspettiva għas-settur tas-sajd li dawn jistgħu jkomplu jipprovdur lis-suq Ewropew bi prodotti tal-ikel sostenibbli u sani għas-sigurtà tal-ikel u s-sovranià Ewropej. Kmieni s-sena d-dieħla għandna l-għan li nipubblikaw dokument informali konġunt dwar il-kwistjoni. Barra minn hekk, nappellaw lill-Kummissjoni l-ġdida biex tirrifletti aktar dwar kif għandha tagħti segwitu lil dan is-suġġett."

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA U N-NETHERLANDS dwar it-tnaqqis minn fuq għal isfel

"Jiddispijaċina li l-Kummissjoni ma bagħtitx informazzjoni dettaljata bħal fis-snin preċedenti rigward it-tnaqqis marbut mal-eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art. Filwaqt li l-Kummissjoni semmiet raġunijiet ta' kunfidenzjalità għall-fatt li ma bagħtitx tali informazzjoni, ninsabu mħassba mill-fatt li l-Istati Membri huma mċaħħda mill-kapaċità tagħhom li jivverifikaw dan it-tnaqqis.

Tali nuqqas ta' trasparenza jista' joħloq preċedent għas-snin li ġejjin. Għalhekk nappellaw lill-Kummissjoni biex tirriforma l-metodoloġija tagħha malajr kemm jista' jkun biex tiżgura l-kunfidenzjalità filwaqt li tiggarantixxi l-kapaċità għall-Istati Membri li jirrieżaminaw il-kalkolu. Tali verifiki għandhom ikunu diġà possibbli għas-sena 2024."

Dwar il-punt "B" nru 3:

Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Dikjarazzjoni MINN FRANZA U L-ITALJA dwar il-bażi volontarja tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens fir-rigward tal-MAP għall-Punent tal-Mediterran

"Sabiex tiġi evitata kwalunkwe diffikultà fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu ta' kumpens, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-miżuri rrapportati fl-Artikolu 7 tal-Abbozz ta' proposta tar-*"Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024"* huma maħsuba biex jiġu implimentati esklużivament fuq bażi volontarja u mhumiex imfassla biex ikunu obligatorji għall-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra dan l-approċċ volontarju fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens għal kull Stat Membru."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Pjanti ta' Tekniki Ġenomiċi Ġodda (NGT) tal-Kategorija 1 għandhom jiġu ttrattati bħala pjanti li ġew prodotti permezz ta' tekniki ta' tnissil konvenzjonali. Il-materjal bijoloġiku tat-tnissil tal-pjanti, li jista' jseħħ ukoll fin-natura tiegħu, irid ikun disponibbli b'mod estensiv għat-tnissil tal-pjanti. Il-jedd għall-privattiva tal-pjanti ta' NGT tal-Kategorija 1 toħloq ir-riskju li tiżdied il-konċentrazzjoni tas-suq u li jfeġġu monopolji u għalhekk tista' taffettwa l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-ikel. Għalhekk, il-pjanti tal-Kategorija 1, iż-żerriegħa dderivata minnhom, il-materjal tal-pjanti tagħhom, il-materjal ġenetiku assoċjat bħall-ġeni u s-sekwenzi tal-ġeni, u l-karatteristiċi tal-pjanti għandhom jiġu esklużi mill-jedd għall-privattiva.

Għal dan l-għan, il-qafas legali u regolatorju għandu jiġi evalwat mill-ġdid malajr kemm jista' jkun biex jiġi żgurat li l-materjal rilevanti tal-pjanti jiġi eskluż mill-jedd għall-privattiva."

Dikjarazzjoni MILL-AWSTRIJA fl-okkażjoni tal-Approċċ Ġenerali dwar ir-Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom

"L-Awstrija tiringrazzja lill-Presidenza Spanjola għall-ħidma tagħha dwar il-proposta leġiżlattiva u tilqa' l-isforzi biex jintlaħaq kompromess, b'mod partikolari li għadha prevista għażla ta' nonparteċipazzjoni għall-pjanti ta' NGT tal-kategorija 2.

L-Awstrija tirrikonoxxi l-potenzjal possibbli ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT), għalkemm dawn huma assoċjati wkoll ma' riskji possibbli. Mill-perspettiva tal-Awstrija, ħafna mistoqsijiet li jeħtieġu diskussjonijiet dettaljati għadhom miftuħa. L-istat attwali tad-diskussjoni, madankollu, ma jipprovdix bażi suffiċjenti għal Approċċ Ġenerali. Għalhekk, l-Awstrija qed topponi l-adozzjoni tal-Approċċ Ġenerali u titlob lill-Presidenza biex tiskeda aktar konsultazzjonijiet sabiex tiċċara l-mistoqsijiet miftuħa u mhux imwiegħa.

Nixtiequ ntennu b'mod kritiku l-punti li ġejjin, li diġà tqajmu matul in-negożjati:

- Mill-perspettiva tal-Awstrija, in-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti ta' NGT tal-kategorija 1 u l-prodotti tagħhom jikkontradixxi l-prinċipju ta' prekawzjoni.
- L-esklużjoni tal-pjanti ta' NGT tal-kategorija 1 mill-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/412 (Nonparteċipazzjoni) tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kien preċiżament dan l-ispazju ta' manuvrar li kien raġuni ewlenija għall-adozzjoni ta' din id-direttiva.
- L-Awstrija tilqa' l-projbizzjoni maħsuba fuq l-użu ta' pjanti ta' NGT u l-prodotti tagħhom fil-biedja organika. Madankollu, tqum il-mistoqsija dwar kif dan għandu jinkiseb mingħajr kostijiet addizzjonali enormi għall-agrikoltura jekk ma jkunx hemm pjanijiet biex jiġu ttikkettati l-prodotti tal-pjanti ta' NGT tal-kategorija 1 inkluż l-ġhalf tal-annimali. L-Awstrija hija pijunier fl-UE b'27.7 % ta' biedja organika u tibża' li dan jista' jiġi pperikolat mill-proposta ta' kompromess attwali.
- Il-konsumaturi għandhom id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-għażla. Għalhekk, it-tikkettar ta' prodotti mill-pjanti ta' NGT tal-kategorija 1 huwa essenzjali minn perspettiva Awstrijaka.

- Għall-NGT1 għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri ta' koeżistenza wkoll. Dawn jeħtieġ li jiġu rregolati b'mod uniformi fl-UE biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- Il-possibbiltà li l-pjanti ta' NGT jistgħu jingħataw privattiva tqajjem il-biża' li jista' jinholq monopolju u li l-SMEs jistgħu jiġu mgħiegħla jhorgu mis-suq.

Barra minn hekk, minn perspettiva Awstrijaka, hemm riskju li l-bijodiversità u d-disponibbiltà tal-għelejjel agrikoli jiġu ristretti."
